Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 185 :: OTTUBRU 2011

***Editur: Paul Vella***

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Kif tafu, il-laqgħat tagħna issa qed jerġgħu jibdew isiru kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar. Nisperaw li issa t-temp jerġa' jkun aħjar. Għalhekk, il-laqgħa li tmiss se tkun nhar il-**Ġimgħa, 28 ta' Ottubru, 2011** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.



***"Photograph courtesy of Chris Cassar Photography Pty Ltd"***

## MANWEL CASSAR JIEĦU L-EWWEL F'KONKORS TAL-POEŻIJA

Il-membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, Manwel Cassar, dan l-aħħar kellu suċċess f'Konkors tal-Poeżija bl-Ingliż. Dan kien is-Sibt, 17 ta' Settembru fejn huwa ħa l-ewwel premju fil-Konkors Anonimu tal-Poeżija bl-Ingliż. Kien hemm madwar 240 li ħadu sehem f'dan il-konkors tas-City of Port Phillip. Aħna ningħaqdu mal-Kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria biex nifirħu lill-membru tagħna, Manwel Cassar, għal dan l-unur. Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Chris Cassar ta' Chris Cassar Photography Pty Ltd għall-permess tiegħu biex nipproduċu dan ir-ritratt.

***<u>Ħamsin sena mill-mewt tal-poeta nazzjonali</u>***

## IL-ĠBIR TAL-POEŻIJI KOLLHA BIT-TALJAN U BIL-MALTI TA' DUN KARM

**Riċerka ta' ħamsa u tletin sena minn Oliver Friggieri — *It-Tieni Parti***

*Oliver Friggieri ġabar għall-ewwel darba l-poeżiji kollha ta' Dun Karm, kemm bil-Malti u kemm bit-Taljan. Dawn ħarġu fil-volum Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura (Klabb Kotba Maltin - Karmen Mikallef Buħaġar, 1980) u fil-volum Dun Karm - Le poesie italiane (Malta University Press, 2007). F'dan l-artiklu huwa jitkellem fuq l-esperjenza tiegħu fil-ġbir ta' din l-ewwel edizzjoni kompleta, xogħol li ħa ħamsa u tletin sena.*



**Dun Karm**

### Il-ġbir tal-poeżiji bil-Malti

Bi proġett separat għal kollox mir-riċerka msemmija, kienet ħaġa xierqa li tkun definita qabelxejn l-opra poetika tiegħu kollha bil-lingwa Maltija. Dan wassal għall-ħruġ tal-volum tal-poeżiji tiegħu bil-Malti fl-1980: Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura (Klabb Kotba Maltin - Karmen Mikallef Buħaġar). Il-volum hu wieħed mill-ħafna merti kbar tal-Klabb Kotba Maltin. Fih, minbarra daħla twila dwar il-poeta, inkludejt ukoll lista kronoloġika tal-poeżiji kollha.

Ftit żmien wara, fil-ktieb "Dun Karm - Il-Bniedem fil-Poeta", (1980), bijografija tal-poeta, ippubblikajt aktar poeżiji tiegħu misjuba aktar tard f'manuskritt li ma kienx magħruf għalija qabel ('Pro Memoria - Ħsibijiet Żgħar', manuskritt li Dun Karm stess kien ta lil Dun Ġużepp Mangion). Kien Pawlu Mizzi tal-Klabb Kotba Maltin li għarrafni b'dan il-manuskritt. Aktar poeżiji mhux ippubblikati bil-Malti, imbagħad, sibthom f'manuskritt ieħor ('Kollezzjoni Peter Vassallo'). Dan kien biss parti mix-xogħol fil-kostruzzjoni, għar-riċerka tiegħi, tal-figura vera ta' poeta, li ma tista' tinstab imkien ħlief fl-opra kompleta tiegħu.

## Il-ġbir tal-poeżiji bit-Taljan

Kien jonqos li jsir fl-istess ħin ix-xogħol tal-ġbir tal-poeżiji bit-Taljan. Il-proċess kellu jitkompla anki billi jitfittxu fontijiet oħrajn, kemm manuskritti u kemm xogħlijiet stampati. Kelli nfittex kullimkien, f'kull tip ta' pubblikazzjoni konvenzjonali, tipika tas-sekli dsatax u għoxrin: minn folji volanti sa libretti, u fost l-oħrajn il-ġabriet ta' pubblikazzjonijiet tassew varji, illegati f'sett ta' volumi li kienu kklassifikati bħala "*Miscellanea*", miżmumin fit-Taqsima Melitensia tal-Bibljoteka tal-Università ta' Malta. Okkażjoni li nibqa' niftakar hi s-sejba ta' dik li nqis li hi l-ewwel poeżija ppubblikata tiegħu, *"La dignità episcopale"*, imxandra bħala ktejjeb fl-1889, u li kont ippubblikajtha fl-1974 ("Il-Polz", 26, 1974, pp. 4-7). Kienet miġbura fil-volum *"Miscellanea",* vol. IX, numru 23.

Waqt li tlaqt mill-ġabriet żgħar tal-poeta, *Foglie d'alloro* (1896), Versi (1903) u *Liriche* (1954, ikkurata minn Giovanni Curmi), stajt nibda l-proġett tal-iskoperta twila, diffiċli ta' ħafna opri oħrajn ippubblikati f'postijiet varji, jew ikkonservati f'għamla ta' manuskritti jew kopji ttajpjati. Fost pubblikazzjonijiet diversi li l-poeżiji tiegħu bit-Taljan baqgħu mxerrdin fihom hemm "*L'amico dei giovani*", "*L'amico della gioventù maltese*", "*La diocesi*", "*L'eco del Circolo Foedus*", "*La palestra del seminarista*", "*Santa Rita*", u "*Il vessillo cattolico*". Konklużjoni bħal din tista' tinkiseb wara li jkunu ġew imfittxa r-rivisti kollha tal-epoka.

Hi importanti l-'Kollezzjoni Melitensia' tal-Bibljoteka tal-Università ta' Malta, fejn hemm ġabra ta' manuskritti u kopji ttajpjati ta' xogħlijiet tal-poeta. Il-'Kollezzjoni Peter Vassallo' hi wkoll importanti għal numru ta' poeżiji mhux-magħrufa bil-Malti u bit-Taljan, apparti versi minuri oħrajn.

Dan kollu għandu jkun ikkunsidrat fil-kuntest tal-ħażna mdaqqsa ta' manuskritti u ta' kopji ttajpjati ta' Dun Karm. Hu kien iħobb jagħmel dik li hi magħrufa bħala '*bella copia*', pulita, bla ebda tibdil jew qtugħ, b'idu, b'kalligrafija ċara, kbira, jew bit-tajprajter. Filkaż ta' edizzjoni fondamentali, ewlenija, il-bieb tat-tiftix jibqa' dejjem miftuħ, kif għadu sa llum fl-Ewropa fejn hemm lista sħiħa ta' awturi li l-opra tagħhom inġabret f'edizzjoni kritika żmien twil wara mewthom. Minkejja dan it-tiftix kollu, inqis xorta waħda li dan hu qasam minnu nnifsu miftuħ. Metodoloġiji u kriterji akkademiċi differenti jeżiġu dan.

## Ħafna poeżiji mxerrdin f'ħafna bnadi

Il-proġett tal-ġbir tal-poeżiji kollha bit-Taljan ta' Dun Karm ma kienx xogħol faċli. Kollox hu marbut mal-fatt li huwa, poeta veru, ma kellux ħeġġa kbira li jippubblika, imqar f'perjodiċi, u wisq inqas kellu mezzi, kemm istituzzjonali u kemm personali. Dan jgħodd għażżewġ ilsna ewlenin li ħaddem, u l-aktar għat-Taljan. Hu kien spiss kuntent li jikkopja pulit, f'għamla finali, numru ta' poeżiji tiegħu, u jżommhom għandu. Ippruvajt niġbor u nispjega fil-qosor dan kollu fil-prefazzjoni għall-ktieb tal-poeżiji miġbura bit-Taljan Dun Karm - *Le poesie, italiane*, pubblikazzjoni tal-Malta University Press (2007).

## Lista kronoloġika tal-poeżiji bit-Taljan u bil-Malti

Fil-lista kronoloġika, mibnija skont metodu magħżul u skont data ta' kitba u pubblikazzzjoni skont il-każ, tidher il-konsistenza li Dun Karm wera fil-kitba bit-Taljan. L-eqdem poeżija li hi magħrufa għalija tmur lura sa l-1889, u mbagħad hemm diversi oħrajn miktubin flaħħar snin tas-seklu dsatax. Fost l-eqdem poeżiji li ma kinux ippubblikati qabel hemm "*Carnevale*" (1899), u "*Alla mia stella*" (1900). Dun Karm baqa' jikteb bit-Taljan, minbarra qabelxejn bil-Malti, għallinqas sa madwar nofs l-erbgħinijiet tas-seklu għoxrin, waqt li hemm poeżiji li d-data tagħhom għalija ma hix magħrufa. Poeżiji oħrajn, bla data, fihom indikazzjoni taż-żmien minħabba s-suġġett tagħhom (eżempju, it-tieni gwerra dinjija).

Il-ġabra tal-poeżiji ta' Dun Karm bil-Malti u bit-Taljan hi okkażjoni biex għall-ewwel darba wieħed ikollu l-firxa kollha tal-kitba tiegħu bejn tmiem is-seklu dsatax u nofs is-seklu għoxrin. Safejn hu possibbli, il-ktieb jinkludi l-post u d-data tal-kitba u l-pubblikazzjoni tal-poeżija li tkun. Iż-żewġ ġabriet kompleti, bil-Malti u bit-Taljan, huma dokument ta' poeta wieħed, konsistenti. It-tnejn huma opra waħda ta' poeta wieħed. Nittama li xi darba ż-żewġ volumi, Il-Poeżiji Miġbura u *Le poesie italiane*, jinħarġu f'volum wieħed. Ix-xogħol fuq il-ġbir tal-proża hu mibdi wkoll.

## KOTBA TA' OLIVER FRIGGIERI FUQ DUN KARM


**I. Edizzjonijiet kritiċi tal-kitbiet tal-poeta**

1. Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura, Malta, Klabb Kotba Maltin - Karmen Mikallef Buħaġar 1980.
2. Dun Karm - *Le poesie italiane*, Malta, Malta University Press 2007.
3. L-Ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar, Malta, PEG Ltd. 1997.

**II. Bijografija tal-poeta**

4. Dun Karm - Ħajja u Karattru, Malta, Saghtar 1972.
5. Dun Karm - Il-Bniedem fil-Poeta, Malta, Klabb Kotba Maltin 1980.

**III. Saġġistika kritika**

6. *La cultura italiana a Malta - Storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l'opera di Dun Karm, Firenze, Leo S. Olschki 1978 (Biblioteca dell'Archivum Romanicum,* vol. 142).
7. *Storia della letteratura maltese, Milazzo, Edizioni Spes 1986*. ( Dun Karm: pp. 181-273).
8. Il-Kultura Taljana f'Dun Karm, Malta, Klabb Kotba Maltin 1976.
9. Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm, Malta, Università ta' Malta 1988.
10. Dun Karm - Il-Jien u Lilhinn Minnu (edizzjoni annotata, b'daħla u b'noti), Malta, Edizzjoni Toni Cortis 1988.
11. Dun Karm, Malta, Edizzjoni Toni Cortis 1989.
12. Analiżi tal-Versi tal-Innu Malti, Kunsill Lokali Ħaz- Żebbuġ, 2009.



State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# Programm Mużiko-Letterarju

## *Organizzat mill-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria*











**Il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria organizza Programm Mużiko-Letterarju bħal ma jagħmel kull sena. Dan inżamm fis-Sala taċ-Ċentru Malti tal-Victoria, Parkville, nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru, fis-2 pm. Madwar 75 attendew u dehru li kienu qed jieħdu gost bil-programm għax kulħadd baqa' hemm sal-aħħar.**

Wara li ndaqqu l-Innu Malti u dak Awstraljan, il-Viċi-President tal-Grupp, Marie Louise Anastasi tat merħba lil dawk preżenti u introduċiet lill-President tal-Grupp, Dr Victor Sammut, li għamel diskors qasir għall-okkażjoni. Ħuwa fisser l-għan tal-Grupp kif ukoll l-attivitajiet li jagħmlu u fl-istess ħin stieden lil dawk preżenti biex jissieħbu u jsiru membri. Wara li spiċċa d-diskors tiegħu, Dr Sammut qara l-kitba tiegħu "*Subway f'Dubai*". Maria Catania qrat il-poeżija "Widien" ta' Turu Vassallo u wara smajna l-kanzunetta "Passiġġata f'Wied il-Għasel", versi u mużika ta' Alfred Grech, kantata minn Albertine Abela. Il-membru Nazzarenu Żerafa minn Queensland bagħatilna poeżija "Namra Xeblieka" li ġiet moqrija minn Rose Lofaro. Paul Vella qara poeżija ta' Dr Clemente Żammit li ma setax jattendi, "Fuq Xatt il-Baħar", li wara giet murija fuq l-i*screen* il-kbir bħala *powerpoint* li ġie ppreparat minn Dr Żammit. Imbagħad smajna lil Frank Bonett jaqra żewġ poeżiji tiegħu "Il-Mewt ta' Missier il-Mara fil-Makedonja" u "Mewti".

L-ewwel intervent mużikali kien minn Amanda Steidle li kantat "Ġolinu" u daqqet il-kitarra wkoll.

Rosemary Attard qrat il-kitba tagħha "Ix-Xita - Ilma tal-Ħajja" u wara Marie Louise Anastasi qrat il-poeżija tagħha "F'Dawl il-Qamar" u poeżija ta' Mary Grace Caruana, "Sabiħa l-Poeżija". Rose Lofaro imbagħad qrat tliet poeżiji tal-mibki u qatt minsi membru tagħna, Charles Formosa, "Hena Imfixxkla Ħesrem", "La Tħallinix" u "Ħarsa Lura". Manwel Cassar qara n-novella tal-mara tiegħu, Josephine, "L-Istedina".

Laurie Armato qara żewġ poeżiji tiegħu "Ix-Xifer tal-Irdum" u "Il-Gawwija u l-Qattus".

Qabel l-intervall kien hemm intervent mużikali minn Joe Gauci u Joe Cutajar fuq il-kitarri, Laurie Armato fuq il-mandolina, Joe Camilleri fuq Perkussjoni u Alfred Xuereb, *Synthesizer*, li daqqew mużika Maltija.

Wara intervall ta' nofs siegħa fejn kulħadd ħa kikkra te jew kafè u gallettini b'xejn, bdiet it-tieni parti fejn il-Kor ta' St Bernadette, taħt id-direzzjoni ta' Dr Simone Cremona, fuq l-orgni, tawna siltiet mid-dramm mużikali tal-Passjoni, "Ikun li Trid Int", versi u mużika ta' Prof. Manwel Mifsud u Therese Cassar. Jeremy Xuereb daqq il-vjolin.

Il-poeżija "Il-Malti Mżeblaħ" inqrat mill-awtur, Albert Agius. Dr Edwin Borg-Manchè qara l-kitba tiegħu "Jekk m'Intix fuq Wiċċ il-Ktieb". Wara li Fr Dr Victor Shields, mssp, qralna l-kitba tiegħu "Kelinu ddeċieda li jidħol f'dar tax-xjuħ", Lou Drofenik qratilna tliet poeżiji tagħha, "L-Eżerċizzi tar-Randan", "Int u Jien" u "Mard tal-Moħħ". Tliet poeżiji oħra, "Mingary", "Tħaris" u "L-Iljunfant", inqraw mill-awtur Manwel Cassar u wara Paul Vella qara n-novella tiegħu, "Pietru fil-Parti ta' Kristu". Michael Xuereb qralna żewg poeżiji li kiteb huwa stess, "Hekk Rajtek" u "Iċ-*Chadwick Lakes*". Dr Victor Sammut qara l-kitba tiegħu "Li Ma Joqtolx Isemmen" u l-aħħar qari tal-programm kienet il-kitba ta' Ġużi Camilleri li qara huwa stess, "Kif Jispiċċa l-Moħħ".

Fl-aħħar erġajna smajna lill-grupp mużikali li reġgħu tawna aktar mużika Maltija.

Kompers kienu Charles u Rosemary Attard.

Wara kien hemm xi rinfreskanti li ġew provduti b'xejn lil kulħadd.

Grazzi lill-kumitat tal-Grupp li organizzaw dan il-program, fejn id-dħul kien b'xejn, u grazzi speċjali lil dawk li ħadmu fil-kċina, Salvina Vella, Caesar u Phyllis Vella tal-Għaqda tar-Reskeon.











***RITRATTI (xellug, minn fuq): Dr Victor Sammut, Maria Catania, Fr Dr Victor Shields, mssp, Dr Clemente Zammit, Frank Bonett, Rosemary Attard, Marie Louise Anastasi, Joe Saliba (li għalkemm ma qarax kellu parti kbira f'parti mill-organizzazzjoni), Josephine Cassar. (Lemin, minn fuq): Laurie Armato, Albert Agius, Dr Edwin Borg-Manchè, Dr Lou Drofenik, Manwel Cassar, Paul Vella, Michael Xuereb, Rose Lofare, Ġużi Camilleri.***










